Azzopardi & Busietta
Advocates

7, Cospicua Road,
Paola, Malta.

Office: +356 21665461
E-mail krisbusietta@outlook.com
Vat Reg. No. 18912218

Lil Kummissarju tal-Pulizija
Kwartieri Generali tal-Pulizija
Floriana

Illum, 9 ta' Novembru 2021

Sur Kummissarju, Sur Gafa,

***Notitia criminis***

Niktiblek ghan-nom tan-Nutar Robert Aquilina 313178M u Alessandra dee Crespo (ID 169090M), f'isem Repubblika organizzazzjoni reġistrata mar-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi bl-ittri 'L' 'P' 'A' u numri wieħed tnejn tnejn (LPA-122) u mal-Kummissarju għal Organizzazzjonijiet Volontarji bl-ittri 'V' 'O' u numri wieħed sitta sebgħa zero (VO 1670)".

Repubblika qed iggib ghall-attenzjoni formali tieghek is-segwenti ahbarijiet li dehru fis-Sunday Times of Malta jum il-Hadd, 7 ta' Novembru 2021:

https://timesofmalta.com/articles/view/joseph-muscat-wired-thousands-of-euro-by-swiss-firm-linked-to-vgh.913212

https://timesofmalta.com/articles/view/former-partners-raise-red-flags-on-man-behind-joseph-muscat-payments.913224

Repubblika temmen li dawn l-ahbarijiet jevidenzjaw agir li *prima facie* jidher illegali u kriminali da parti ta' numru ta' nies, fosthom ta' Dr Joseph Muscat, ex Prim Ministru ta' Malta, Yorgen Fenech, l-On. Konrad Mizzi u Keith Schembri, minbarra terzi barranin. Dan fil-kuntest tal-koncessjoni tal-isptarijiet pubblici lil

Jason Azzopardi LL.D., M.A. (Fin. Serv), M.P.
Kris Busietta B.A., M.Juris. (Eur. Law), LL.D.
Julian Farrugia LL.B., LL.D.

Jean Pierre Busuttil B.A., L.P.

7, Cospicua Road,
Paola, Malta.

Office: +356 21665461
E-mail krisbusietta@outlook.com
Vat Reg. No. 18912218

VGH, liema koncessjoni Repubblika temmen li hija wahda frawdolenti u mizghuda b'tixhim.

Permezz tal-prezenti Repubblika, filwaqt li qed iggib dan kollu a formali konjizzjoni tieghek, qed tesigi minnek li tapplika s-sahha kollha li ittik il-Ligi sabiex issir maghrufa l-verita, jingabru t-tracci kollha ta' kull reat kriminali imwettaq u dan billi, fost ohrajn jitwaqqaf **Joint Investigation Team** immedjatament mal-Pulizija Ingliza.

**Repubblika** temfassiza li mill-artiklu ta' Jacob Borg jirrizulta u qed jigi iddikjarat li

*"Both Sharma and Greenshields told Times of Malta that while staying within the legal scope of GDPR guidelines, they remain at the disposal of any authority that wishes to investigate Bhatti's activities."*

Huwa impellenti li Kamal Sharma u Tyrone Greenshields jigu intervistati mill-iktar fis minnek fir-Renju Unit fejn jinsabu, bid-debita prekawzjonijiet ghall-inkolumita taghhom u ta' hajjithom.

Repubblika tistenna li inti izzommha aggornata u infurmata bl-andament ta' l-investigazzjoni li hija tistenna li tiskatta immedjatament wara din in-*notitia criminis*.

Nirringrazzjakbil-quddiem

Avv. Jason Azzopardi

cc. O.C. Dr. Alexandra Mamo